MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2014

Numru. 153/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Richard Anthony Robert Edwards**

Illum, it-Tnejn 4 ta' Awwissu 2014

Numru: 153/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Richard Anthony Robert Edwards ta' 37 sena, bin Anthony u Diane Mary nee' O'Donnell, imwieled l-Ingilterra fis-7 ta' Frar, 1977, residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 289191M:

Billi gie akkuzat talli

1. Matul il-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Mejju 2003 gewwa Hal Qormi, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla Mazda bin-numru ta' registrazzjoni ABE542 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi €2329.37, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Sebastian Spiteri u/jew ta' xi persuna/i/w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. u aktar talli aktar tard matul l-istess lejl gewwa San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li tikkommetti delitt ta' serq minn gewwa Ta' Fra Ben Restaurant, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghek, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-€2329.37 u bil-hin ghad-detriment ta' Benjamin Micallef u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta' Lulju 2014 mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat il-pre-sentencing report.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fedina penali li turi li l-imputat xellef dufrejh diversi drabi mal-ligi, il-fatt li r-reati sehhew fl-2003 u minn dan iz-zmien 'l hawn l-imputat ghamel kambjament pozittiv fl-attitudni u fl-agir tieghu u qieghed jipprova jirriforma ruhu . Infatti mill-pre-sentencing report jirrizulta li l-imputat waqt li kien qieghed jiskonta sentenza ta' habs effettiv huwa uza dak iz-

zmien sabiex jameljora ruhu. Ghalhekk piena karcerarja mhix wahda idonea ghaliex il-Qorti tqis li l-imputat ghandu jinghata cans iehor u jkun ukoll opportun li jkun qieghed jigi segwit mill-vicin sabiex ikompli fit-triq it-tajba.

Illi gie dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur li ma kienx hemm involuti hlas ta′ esperti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 41, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 267, 270, 271(g), 278(1)(3), 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b′applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta′ Malta tpoggi lill-imputat taht ordni ta′ probation bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment ghal perjodu ta′ tlett (3) snin millum u oltre′ dan ai termini ta′ l-artikolu 11 tal-Kap 446 qeghda tpoggi lill-imputat taht ordni ta′ servizz fil-komunita′ u dan billi jaghmel erbghin (40) siegha servizz fil-komunita′.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti qeghda tordna notifika ta′ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation.

Tordna wkoll in-notifika ta′ l-atti u ta′ din is-sentenza lill-Avukat Generali skont il-ligi.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------